# L-EŻEMPJU JKAXKAR

Kull min qed jaqra dal-messaġġ jaf li meta l-ġenituri tagħna tawna eżempju tajjeb ta' fidi soda, ta' perseveranza, ta' kuraġġ, ta' maħfra, dan kollu sibnieh meta kbirna u ġejna biex nittrattaw mal-oħrajn bħalma għamlu l-istess ġenituri tagħna. Nistgħu ngħidu li dak li ngħaddu minnu fil-ħajja, jew jgħinna biex nibqgħu Nsara jew ibegħedna minn Alla.

Il-fidi hija rigal u ma taqax mis-sema. Il-fidi jagħtuhielna dawk li ħadu u li jieħdu ħsiebna. Il-Knisja tgħallem il-Vanġelu, imma aħna l-imgħammdin kollha, aħna l-Knisja. Dawk li qegħdin fil-familji, dawn b'mod speċjali jridu jgħinu u jsaħħu lill-membri tal-familja f'dak kollu li jgħinhom u f'dak kollu li jsaħħaħhom.

X'inhi l-isbaħ ħaġa li tistgħu tagħtu lit-tfal u ż-żgħażagħ? Jien naħseb li tridu turuhom li għalikom Alla huwa importanti. Tridu turuhom li intom ma taqtgħux qalbkom xħin jiġu l-problemi, għax tħossu li Alla tassew jibqa' dejjem qrib, anke fid-diffikultajiet. Nistgħu ngħidu li l-iktar ħaġa utli li tistgħu tagħtu lil dawk li telgħin huwa l-eżempju li tagħtu meta titolbu, tieħdu sehem fil-quddiesa, idduru b'min hu fil-ħtieġa iktar milli kif se tiksbu u tirtu.



Jgħidu li t-tfal ma jagħmlux dak li tgħidilhom jagħmlu imma jagħmlu dak li jarawk tagħmel. U ħalluni nagħlaq bi ħsieb importanti. Idraw intom u darru lit-tfal sabiex nhar ta' Ħadd tistrieħu naqra mal-Mulej Ġesù. Fil-quddiesa jkollkom l-opportunità tisimgħu lill-Mulej ikellimkom f'qalbkom u tħossu kemm iħobbkom.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## L-AVVIŻI:

**A CONCERT OF VIRTUOSO TRIO:** nhar is-Sibt 16 ta' Settembru fit-7:45pm fil-knisja Bażilika ser isir kunċert mużikali bis-sehem ta' Jason Camilleri fuq it-trumpet, Milicia Lawrence fuq l-orgni u t-tenur David Won (USA). Kulħadd huwa mistieden.

**PURĊISSJONI BL-ISTATWA TAD-DULURI:** nhar il-Ħadd 17 ta' Settembru wara l-quddiesa tal-5:00pm. Il-purċissjoni tkun bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata, Kleru, Fratelli u Abbatini. Ngħaddu mid-dawra l-qasira u nirreċitaw flimkien it-talba tar-Rużarju.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa li ġej, 20 ta' Settembru. Se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u li fiha Dun Michael Said ser jaqsam magħna l-esperjenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Din se tinżamm fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur u tibda fis-6:15pm. Tkun imxandra live fuq *Mnarjalive*. Kulħadd huwa mistieden.

**IN-NADUR TEEN & YOUTH CENTRE:** ser jorganizza freshers activity nhar l-Erbgħa 20 ta' Settembru, lill-istudenti li din is-sena ser ikunu Form 2 (Yr 8). Permezz ta' din l-attività ser ikunu jistgħu jaraw iċ-Ċentru u fejn isiru l-laqgħat. Imbagħad ser jaqsmu flimkien mument ta' ferħ permezz ta' xi logħob. L-attività tibda fis-6:00pm.

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW TAL-BNIET:** javżaw lill-ġenituri/kustodji li għandhom it-tfal Year 1 (2023-2024) biex imorru jirreġistrawhom il-Mużew tal-bniet nhar is-Sibt 23 ta' Settembru jew nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru bejn il-5:00pm u s-7:00pm.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am